ID-DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Artikoli 22 u 29

Il-Partijiet jiddikjaraw li fl-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 22 u 29, fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, se jeżaminaw l-impatt ta' kwalunkwe Ftehim preferenzjali li ġie nnegozjat mill-Albanija ma' pajjiżi terzi (ħlief għall-pajjiżi li huma koperti mill-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-UE u għal pajjiżi oħra fil-qrib li mhumiex Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea). Dan l-eżami se jaħseb għall-aġġustament tal-konċessjonijiet Albaniżi lill-Komunità jekk l-Albanija kellha toffri konċessjonijiet li huma ferm aħjar lil dawn il-pajjiżi.

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Artikolu 41 tal-Ftehim

1. Il-Komunità tiddikjara li hija lesta li teżamina fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, il-kwistjoni tal-parteċipazzjoni ta' l-Albanija fil-kumulazzjoni djagonali tar-regoli ta' oriġini ladarba jkunu ġew stabbiliti l-kondizzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali kif ukoll kondizzjonijiet rilevanti oħra sabiex tingħata kumulazzjoni djagonali.

2. B'dan f'moħħha, l-Albanija tiddikjara li hija lesta li tistabbilixxi żoni ta' kummerċ ħieles ma', b'mod partikolari, il-pajjiżi l-oħra li huma koperti mill-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Artikolu 46 tal-Ftehim

Huwa mifhum li l-idea ta' "tfal" hija ddefinita skond il-leġislazzjoni nazzjonali tal-pajjiż ospitanti konċernat.

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Artikolu 48 tal-Ftehim

Huwa mifhum li l-idea ta' "membri tal-familja tagħhom" hija ddefinita skond il-leġislazzjoni nazzjonali tal-pajjiż ospitant konċernat.

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Artikolu 61 tal-Ftehim

Il-Partijiet jaqblu li d-disposizzjonijiet li ġew stabbiliti fl-Artikolu 61 m'għandhomx jiġu interpretati bħala li jipprevjenu restrizzjonijiet proporzjonali u mhux diskriminatorji għall-akkwist ta' beni immobbli bbażati fuq interess ġenerali, u lanqas m'għandhom jaffetwaw b'mod ieħor ir-regoli tal-Partijiet li jikkontrollaw is-sistema ta' pussess tal-proprjetà, ħlief kif inhu speċifikatament stabbilit hemmhekk.

Huwa mifhum li l-akkwist ta' beni immobbli min-naħa taċ-ċittadini Albaniżi huwa permess fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea skond il-liġi Komunitarja applikabbli, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet speċifiċi li huma permessi hemmhekk u li jkunu applikati skond il-leġislazzjonijiet nazzjonali applikabbli ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Artikolu 73 tal-Ftehim

Il-Partijiet jaqblu li għall-fini tal-Ftehim, il-proprjetà intellewali, industrijali u kummerċjali tinkludi b'mod partikolari d-drittijiet ta' l-awtur, li jinkludi d-dritt ta' l-awtur tal-programmi tal-kompjuter, u drittijiet ta' qrubija, id-drittijiet relatati mad-*databases*, mal-brevetti, mad-disinji industrijali, mat-*trademarks* u mal-marki ta' servizz, mat-topografiji taċ-ċirkwiti integrati u indikazzjonijiet ġeografiċi, inklużi l-ismijiet ta' l-oriġini, kif ukoll il-ħarsien minn kompetizzjoni mhux ġusta kif tissemma fl-Artikolu 10a tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Ħarsien tal-Proprjetà Industrijali u l-ħarsien ta' tagħrif sigriet dwar l-għarfien.

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Artikolu 80 tal-Ftehim

Il-Partijiet huma konxji mill-importanza li l-poplu u l-Gvern ta' l-Albanija jagħtu lill-perspettiva tal-liberalizzazzjoni tar-reġim tal-viżi. Sadanittant, il-progress huwa dipendenti milli l-Albanija timplimenta riformi ewlenija f'oqsma bħat-tisħiħ ta' l-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-migrazzjoni illegali, u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tagħha fil-kontroll tal-fruntieri u fis-sikurezza tad-dokumenti.

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Artikolu 126 tal-Ftehim

1. Għall-finijiet ta' l-interpretazzjoni u ta' l-applikazzjoni prattika tal-Ftehim, il-Partijiet jaqblu li l-każi ta' urġenza speċjali li jissemmew fl-Artikolu 126 tal-Ftehim ifissru każi fejn hemm ksur materjali tal-Ftehim minn Parti waħda jew mit-tnejn li huma. Ksur materjali tal-Ftehim jikkonsisti:

– fiċ-ċaħda tal-Ftehim li ma tkunx konformi mar-regoli ġenerali tal-liġi internazzjonali u

– fi vjolazzjoni ta' l-elementi essenzjali tal-Ftehim stabbiliti fl-Artikolu 2.

2 Il-Partijiet jaqblu li l-"miżuri xierqa" li jissemmew fl-Artikolu 126 huma miżuri li ttieħdu skond il-liġi internazzjonali. Jekk Parti tieħu miżura f'każ ta' urġenza speċjali skond l-Artikolu 126, il-Parti l-oħra tista' tagħmel użu mill-proċedura biex tinstab soluzzjoni għat-tilwima.

Dikjarazzjoni konġunta dwar il-migrazzjoni legali, il-libertà ta' moviment u d-drittijiet ta' ħaddiema

L-għoti ta' tiġdid u rifjut ta' permess ta' residenza huwa rregolat mil-leġislazzjoni ta' kull Stat Membru u l-Ftehim u l-Konvenzjonijiet bilaterali fis-seħħ bejn l-Albanija u l-Istat Membru.

Dikjarazzjoni konġunta dwar il-Prinċipalità ta' Andorra fir-rigward tal-Protokoll 4 tal-Ftehim

1. Prodotti li joriġinaw fil-Prinċipalità ta' Andorra li jaqgħu fi ħdan il-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata se jkunu aċċettati mill-Albanija bħala li joriġinaw fil-Komunità fis-sens tat-tifsira ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Protokoll 4 se japplika *mutatis mutandis* għall-għan ta' definizzjoni ta' l-istatus oriġinarju tal-prodotti msemmija hawn fuq.

Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-Repubblika ta' San Marino fir-rigward tal-Protokoll 4 tal-Ftehim

1. Prodotti li joriġinaw fir-Repubblika ta' San Marino se jkunu aċċettati mill-Albanija bħala oriġinarji fil-Komunità fis-sens tat-tifsira ta' dan il-Ftehim.

2 Il-Protokoll 4 se japplika *mutatis mutandis* għall-għan ta' definizzjoni ta' l-istatus oriġinarju tal-prodotti msemmija hawn fuq.

Dikjarazzjoni konġunta dwar il-Protokoll 5 tal-Ftehim

1. Il-Komunità u l-Albanija jieħdu nota li l-livelli ta' emissjonijiet tal-gassijiet u ta' l-istorbju li huma aċċettati bħalissa fil-Komunità għall-iskopijiet ta' l-approvar tat-tip ta' vetturi tqal tal-merkanzija mill-01.01.2001[1] huma kif ġej:

Valuri tal-limitu mkejla fuq it-test taċ-Ċiklu Ewropew Stabbilizzat (ESC) u t-test tar-Rispons Ewropew għat-Tagħbija (ELR):

| | | Massa ta' monossidu tal-karbonju | Massa ta' idrokarbonji | Massa ta' ossidi tan-nitroġenu | Massa tal-partikoli | Duħħan |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | (CO) g/kWh | (HC) g/kWh | (NOx) g/kWh | (PT) g/kWh | $m^{-1}$ |
| Ringiela A | Euro III | 2,1 | 0,66 | 5,0 | 0.10<br>0,13 (a) | 0,8 |

(a) Għal magni li għandhom *swept volume* ta' anqas minn 0.75dm³ għal kull ċilindru u forza ta' veloċità evalwata ta' aktar minn 3000 $min^{-1}$

[1] Direttiva 1999/96/KE tat-13 ta' Diċembru 1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' pollutanti li fihom il-gass jew il-partiċelli minn magni ta' tqabbid bil-kompressjoni għall-użu f'vetturi u l-emissjoni ta' pollutanti li fihom gass minn magni ta' tqabbid positiv li jaħdmu bil-gass naturali jew bil-gass taż-żejt mhux raffinat f'forma likwida għall-użu f'vetturi

Valuri tal-limitu mkejla fuq iċ-Ċiklu Transitorju Ewropew (ĊTE):

| | | Massa ta' monossidu tal-karbonju | Massa ta' idrokarbonji mhux tal-metanu | Massa ta' metanu | Massa ta' ossidi tan-nitroġenu | Massa tal-partikoli |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | (CO) g/kWh | (NMHC) g/kWh | ($CH_4$) (b) g/kWh | (NOx) g/kWh | (PT) (c) g/kWh |
| Ringiela A | Euro III | 5,45 | 0,78 | 1,6 | 5,0 | 0.16<br>0,21 (a) |

(a) Għal magni li għandhom *swept volume* ta' anqas minn 0.75dm³ għal kull ċilindru u forza ta' veloċità evalwata ta' aktar minn 3000 $min^{-1}$

(b) Għal magni li jaħdmu bil-gass naturali, biss.

(c) Mhux applikabbli għal magni li jaħdmu bil-gass.

2. Fil-futur, il-Komunità u l-Albanija għandhom ifittxu li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-vetturi bil-mutur permezz ta' l-użu ta' l-aħħar teknoloġija tal-kontroll ta' l-emissjonijiet tal-vetturi flimkien ma' kwalità mtejba ta' fjuwil għall-vetturi.

## DIKJARAZZJONI MILL-KOMUNITA

### Dikjarazzjoni mill-Komunità dwar il-miżuri kummerċjali eċċezzjonali mogħtija mill-Komunità abbażi tar-Regolement (KE) Nru 2007/2000

Meta jitqiesu l-miżuri kummerċjali eċċezzjonali li ngħataw mill-Komunità lil pajjiżi li qed jipparteċipaw jew li huma marbuta mal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-UE, fost l-oħrajn l-Albanija, fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru. 2007/2000 tat-18 ta' Settembru 2000 li jintroduċi miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li qed jipparteċipaw jew li huma marbuta mal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea tiddikjara:

– li, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 30 tal-Ftehim, se japplikaw dawk mill-miżuri ta' kummerċ awtonomu unilaterali li huma aktar favorevoli minbarra l-konċessjonijiet ta' kummerċ kuntrattwali offruti mill-Komunità f'dan il-Ftehim sakemm japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2007/2000 kif inhu emendat;

– li, b'mod partikolari, għall-prodotti li huma koperti mill-Kapitoli 7 u 8 tan-Nomenklatura Magħquda, fejn it-Tariffa Doganali Komuni tipprovdi għall-applikazzjoni ta' dazji doganali *ad valorem* u dazju doganali speċifiku, it-tnaqqis se japplika wkoll għad-dazju doganali speċifiku b'deroga mid-disposizzjoni rilevanti ta' l-Artikolu 27(1) tal-Ftehim.